**13 ta' Ġunju, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Jacqueline Higgans *et noe*

*versus*

Joseph Galea

**Terminazzjoni ta' Impjieg - Artikolu 34 (13) u 38 tal-Kap. 135 - Nullità *Per Via di Eccezione***

*Il-klawsola tal-penali invokata mill-atturi hija ċertament anqas vantaġġjuża minn dak li jispeċifika s-subartikolu (13) ta' l-artikolu 34 tal-Kap. 135.* Ope legis *il-klawsola hija sostitwita bid-disposizzjoni tas-subartikolu (13).*

*Meta nullità hija kkomminata mil-liġi stess din tista' titqajjem permezz ta' eċċezzjoni u mhux bilfors b'azzjoni jew kontro-talba.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi *nomine* ppremettew:

"Illi l-konvenut kellu kuntratt ta' impjieg/*training* mas-soċjetà attriċi "International Trading Company Limited" li jġib id-data tat-2 ta' Settembru, 1992 (dokument A);

Illi l-konvenut għażel li jittermina l-impjieg tiegħu;

*Illi* s-soċjetà *attriċi hija kreditriċi tal-konvenut fl-ammont* ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600), u dana skond il-paragrafu 8 (a) ta' l-imsemmi kuntratt, liema klawsola tipprovdi:

"*The Employee undertakes that if he decides to terminate his employment with International Trading Company Limited before two years from the date of this agreement, the Employee binds himself to pay to the Employer a fixed sum of Lm600 by way of penalty on a once only basis immediately on termination of his employment. If this occurs within the first year of his return to work after completion of the course abovementioned ...*";

Illi l-konvenut interpellat b'ittra uffiċjali tal-25 ta' Marzu, 1994, baqa' inadempjenti;

Talbu li din il-Qorti:

Tiddikjara lill-atturi *nomine* kredituri tal-konvenut fl-ammont ta' sitt mitt lira (Lm600) kif fuq ingħad;

Tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ammont ta' Lm600 għar-raġunijiet premessi;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk taż-żewġ ċedoli ta' depożitu

ppreżentati fis-17 u fis-27 ta' Ottubru, 1994 kif ukoll l-ispejjeż tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat fis-17 ta' Ottubru, 1994 u bl-imgħax legali mill-25 ta' Marzu, 1994 kontra l-konvenut";

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat in-Nota ta' Eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha huwa eċċepixxa:

"Illi preliminarjament il-paragrafu numru tmienja (8) ta' l-imsemmi kuntratt ta' l-impjieg iddatat 2 ta' Settembru, 1992 mhux konformi ma' l-artikolu 34 tal-Kap. 135 (Att dwar Kondizzjonijiet ta' Impjieg) u l-istess paragrafu numru tmienja (8) ta' l-imsemmi kuntratt ipoġġi lill-impjegat f'posizzjoni anqas favorevoli mill-kondizzjonijiet stipulati mill-istess Kap. 135 u għaldaqstant skond l-artikolu 38 ta' l-istess Kap. 135 il-paragrafu tmienja (8) ta' l-imsemmi kuntratt u l-penali ta' sitt mitt lira (Lm600) msemmija fl-istess paragrafu huma illegali u mingħajr forza legali;

Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, kienet l-istess soċjetà attriċi li mill-bidu nett abbużivament naqset milli tonora l-imsemmi kuntratt billi fost affarijiet oħra naqset milli tħallas lill-konvenut il-ħlasijiet dovuti lilu skond il-paragrafu numru ħamsa (5) ta' l-istess kuntratt u għaldaqstant skond l-artikolu 34 (14) tal-Kap. 135 il-konvenut kellu raġuni valida biex jittermina l-imsemmi impjieg;

Għaldaqstant it-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetà attriċi;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri";

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Ittrattat l-ewwel eċċezzjoni;

Ikkunsidrat dwar l-istess eċċezzjoni:

Għal dak li jirrigwarda l-fatti rilevanti għall-eċċezzjoni in diżamina ġie vverbalizzat mid-difensur ta' l-atturi *nomine* li huma jaqblu li l-konvenut ma rċeviex kommissjoni taħt il-kuntratt ta' impjieg in kwistjoni. Fix-xhieda tal-konvenut, li lanqas ma ġiet kontradetta, huwa jgħid li huwa qatt ma rċieva ebda flus mill-kuntratt ta' impjieg in kwistjoni;

Eżaminat is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti li saru permezz ta' noti ta' osservazzjonijiet;

Il-konvenut mhux qed jikkontesta li huwa ttermina l-impjieg qabel għeluq sena, apparti l-eċċezzjoni l-oħra tal-konvenut li huwa kellu raġuni valida biex jittermina l-impjieg, iżda qed jeċċepixxi li l-klawsola invokata mill-atturi kontra tiegħu *għall-ħlas tal-penali mitluba* mhix konformi ma' dak li jiddisponi s-subartikolu (13) ta' l-artikolu 34 tal-Kap. 135 (Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg). L-istess subartikolu jinqara hekk:

"Fil-każ ta' impjegati taħt kuntratt ta' servizz imħallsa għal kull biċċa xogħol, jew b'sehem fil-qligħ, jew b'kummissjoni fuq bejgħ magħmul jew ħlasijiet imdaħħla mill-prinċipal, l-ammont li għandu jitħallas skond is-subartikoli (8), (10), (11) u (12) ta' dan l-artikolu għandu jkun ikkalkolat fuq il-

qligħ medju ta' l-impjegat matul it-tliet xhur li jiġu sew sew qabel il-jum li fih jingħata l-avviż jew l-impjegat jitlaq ix-xogħol jew jiġi mibgħut 'il barra mill-prinċipal"

Hawnhekk jiġi rrilevat li skond il-kuntratt ta' impjieg, il-konvenut ma kellux dritt għal salarju iżda għal kommissjoni fuq *sales* u *servicing* skond il-paragrafu (a) tal-klawsola numru ħamsa (5), apparti minn *allowance* u *bonus*, imsemmijin fil-paragrafi (b) u (ċ) ta' l-istess klawsola. Għalhekk, japplika għall-impjieg dak li jiddisponi s-subartikolu (13) ta' l-artikolu 34 fuq ċitat;

Il-posizzjoni għalhekk hija li jekk impjegat, bħall-konvenut, li huwa mħallas b'kommissjoni jittermina l-impjieg tiegħu qabel il-ġurnata pattwita, l-impjegat għandu jħallas nofs dak li kien jipperċepixxi kieku baqa' fl-impjieg, kalkolat fuq l-introjti ta' l-istess impjegat fit-tliet xhur qabel it-terminazzjoni. Dan skond ma jiddisponi s-subartikolu (12) ta' l-istess artikolu 34 fis-sens li dak l-impjegat li jitlaq mis-servizz tal-prinċipal tiegħu qabel iż-żmien speċifikat fil-kuntratt ta' servizz għandu jħallas lill-prinċipal tiegħu somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li għaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa' fis-servizz għall-bqija taż-żmien hekk espressament miftiehem;

Issa jirriżulta ppruvat li l-konvenut, matul it-tliet xhur sew sew qabel ma ttermina l-impjieg tiegħu ma kellu ebda qligħ mill-impjieg tiegħu. Għalhekk, skond id-disposizzjonijiet li jirregolaw din it-terminazzjoni ta' l-impjieg, il-konvenut mhux tenut iħallas xejn lill-prinċipal tiegħu, iżda skond ma jiddisponi l-kuntratt ta' impjieg, huwa obbligat iħallas il-penali msemmija fiċ-ċitazzjoni;

Il-konvenut qed jikkontendi li minn dan jirriżulta li dak li jiddisponi l-kuntratt ta' impjieg dwar ħlas ta' penali jqiegħed

lill-konvenut f'posizzjoni aktar vantaġġjuża minn dak li jiddisponi l-artikolu 34 (13) ġà ċċitat. Il-konvenut inoltre jissottometti li a tenur ta' l-artikolu 38 ta' l-istess Att, jekk kuntratt ta' servizz jipprovdi għall-kondizzjonijiet ta' impjieg, inkluż it-terminazzjoni ta' dak il-kuntratt, li jkun inqas favorevoli għall-impjegat minn dawk speċifikati fi jew taħt l-Att, dan għandu jkollu effett daqslikieku minfloku dawk il-kondizzjonijiet kien hemm imdaħħla l-kondizzjonijiet speċifikati fi jew taħt l-Att. Effettivament, l-artikolu 38 invokat mill-konvenut jiddisponi dak li qed jissottometti l-konvenut;

Fil-fehma tagħha l-klawsola tal-penali invokata mill-atturi *nomine* hija ċertament anqas vantaġġjuża minn dak li jispeċifika s-subartikolu (13) ta' l-artikolu 34 ta' l-Att ċitat. Il-konsegwenza ta' dan hija li *ope legis* il-klawsola hija sostitwita bid-disposizzjoni tas-subartikolu (13) u billi l-konvenut ma kellu ebda qligħ fil-perijodu speċifikat mil-liġi, ebda ħlas mhu dovut minnu lill-prinċipali tiegħu bħala riżultat tat-terminazzjoni ta' l-impjieg;

L-atturi ssottomettew *inter alia* li l-klawsola u l-penali li l-konvenut qed jallega li huma illegali u mingħajr forza tal-liġi ma ġewx impunjati mill-konvenut b'azzjoni jew b'kontro-talba u li mhux biżżejjed li l-konvenut iqanqal il-kwistjoni *per via di eccezione*;

Fil-fehma tagħha l-oġġezzjoni proċedurali ssottomessa mill-atturi *nomine* mhix legalment fondata billi l-illegalità eċċepita ma tikkostitwix sempliċi annullabbilità iżda nullità kkomminata mil-liġi stess u meta si tratta ta' nullità din tista' tiġi mqajma anke permezz ta' eċċezzjoni;

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni in diżamina, u konsegwentement, tiddikjara illegali l-penali

invokata mill-atturi *nomine*, u għalhekk, tiċħad it-talbiet attriċi bħala legalment infondati, bl-ispejjeż kontra l-atturi *nomine*.